V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI

## KULTURA (2007-2013)

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI — EACEA/21/07

## Azzjonijiet speċjali ta' kooperazzjoni kulturali ma' u f'pajjiżi terzi

(2007/C 180/09)

1. **Bażi legali**

Din is-sejħa għal proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm multi-annwali għall-miżuri tal-Komunità fil-qasam tal-kultura għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 ([1]) (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm").

2. **Objettivi u deskrizzjoni**

Il-Programm hu parti mill-impenn kontinwu ta' l-Unjoni Ewropea biex tkattar l-ispazju kulturali komuni fost l-Ewropej u huwa bbażat fuq wirt kulturali komuni permezz ta' l-iżvilupp ta' kooperazzjoni kulturali bejn dawk li joħolqu l-kultura, dawk li jieħdu sehem fiha u l-istituzzjonijiet kulturali tal-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Programm. Dan qed isir bil-għan li tiġi promossa l-idea ta' ċittadinanza Ewropea.

Il-Programm jista' jkun miftuħ ukoll għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, li kkonkludew ftehim ta' assoċjazzjoni jew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Komunità, dejjem jekk dawn ta' l-aħħar ikun fihom klawsoli relatati mal-kultura, u dan fuq il-bażi ta' approprijazzjonijiet supplimentari u proċeduri speċifiċi li jridu jiġu definiti.

Il-Programm jipprovdi għall-intervent tal-Komunità biex jappoġġja "miżuri speċjali" u f'dan il-qafas, jista' jingħata appoġġ għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

3. **Għan tas-sejħa għal proposti**

Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm u filwaqt li tiġi kkunsidrata:

— il-konverġenza dejjem akbar tal-fehmiet fuq il-kultura u kooperazzjoni dejjem iktar mill-qrib bejn l-UE u dawk l-imsieħba, kemm f'fora bilaterali kif ukoll f'fora internazzjonali, kif inhu partikolarment il-każ fil-kuntest preżenti tar-ratifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità ta' l-espressjonijiet kulturali kif ukoll fil-qafas tal-Laqgħa ta' l-UE-Asja (ASEM);

— l-importanza dejjem akbar ta' imsieħba emerġenti ġodda ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-palk dinji,

din is-sejħa għall-proposti timmira li tappoġġja proġetti ta' kooperazzjoni kulturali bi-annwali (2007-2009) li jiffukaw fuq żewġ pajjiżi maġġuri ta' l-Asja: iċ-Ċina u l-Indja.

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (minn issa 'l quddiem issir referenza għaliha bħala l-'Aġenzija Eżekuttiva') hi responsabbli għat-twettiq tas-sejħa għall-proposti.

4. **Baġit disponibbli u tul tal-proġett**

Il-baġit totali mogħti għal din is-sejħa għall-proposti huwa ta' 1,8 miljun EUR.

Ser jingħata appoġġ finanzjarju lil madwar 10 proġetti ta' kooperazzjoni (5 proġetti għall-kooperazzjoni ma' l-Indja u 5 proġetti għall-kooperazzjoni maċ-Ċina). It-tul massimu tal-proġett huwa ta' 24 xahar.

Il-livell tal-ko-finanzjament tal-Komunità m'għandux jaqbeż il-50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli assoċjati ma' kull proġett (limitu massimu ta' 180 000 EUR għal kull proġett).

5. **Kriterji ta' eliġibbiltà u kriterji ta' l-għażla**

Applikanti eliġibbli għandhom ikunu organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi jew privati bi stejtus legali, li l-attività prinċipali tagħhom tkun fil-qasam kulturali, u li huma kapaċi juru esperjenza li għallinqas tkun twila sentejn fil-qasam ta' tfassil u ġestjoni ta' proġett kulturali fuq livell internazzjonali, b'mod partikulari fiċ-Ċina u fl-Indja. Dawk l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu involuti kemm fid-disinn kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proġett, u jagħmlu wkoll kontribuzzjoni reali u sinjifikanti għall-baġit tal-proġett. Dawk l-organizzazzjonijiet għandhom jipprovdu għallinqas 50 % tal-baġit totali tal-proġett.

([1]) ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1.

Dawk l-organizzazzjonijiet għandu jkollhom is-sede legali reġistrat tagħhom f'wieħed mill-pajjiżi li jkun qed jieħu sehem fil-Programm ([1]). Dawk l-organizzazzjonijiet għandu jkollhom ukoll il-kapaċità finanzjarja u l-kapaċità operattiva biex itemmu b'suċċess il-proġetti ta' kooperazzjoni.

Proġetti eliġibbli jikkorrispondu ma' proġetti ta' kooperazzjoni kulturali bi-annwali li jinvolvu kooperazzjoni bejn mill-inqas 3 imsieħba minn għallinqas 3 pajjiżi eliġibbli differenti. Il-proġett eliġibbli għandu jinvolvi wkoll għallinqas sieħeb assoċjat wieħed jew mill-Indja, biex tittieħed azzjoni fi/ma' dan il-pajjiż, jew miċ-Ċina, biex tittieħed azzjoni fi/ma' dan il-pajjiż. Il-kooperazzjoni għandha tkun appoġġjata b'dikjarazzjoni ta' sħubija ffirmata bejn l-imsieħba u s-sieħeb(sħab) assoċjat. Għallinqas 50 % ta' l-attivitajiet imwettqa taħt il-proġetti ta' kooperazzjoni kulturali għandhom iseħħu fuq it-territorju tal-pajjiż terz in kwistjoni (l-Indja jew iċ-Ċina rispettivament). Tista' tingħata prijorità għal proġetti ta' kooperazzjoni ma' imsieħba assoċjati li għandhom is-sede legali tagħhom reġistrata fiċ-Ċina jew fl-Indja.

## 6. Kriterji ta' l-aġġudikazzjoni

L-aġġudikazzjoni ta' għotja mhux biss hija dipendenti fuq l-analiżi tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà, l-esklużjoni u l-għażla. Id-deċiżjoni hija stabbilita fuq il-bażi tal-kriterji ta' l-għoti.

Il-kriterji ta' l-għoti jistgħu jkunu deskritti kif ġej:

(1) kemm il-proġett jista' jiġġenera **valur miżjud Ewropew** reali,

(2) kemm il-proġett jista' jiġġenera **Dimensjoni ta' Kooperazzjoni Internazzjonali** reali,

(3) il-**kwalità tas-sħubija** bejn l-imsieħba u l-imsieħba assoċjati,

(4) kemm il-proġett jista' juri livell xieraq ta' **Innovazzjoni u Kreattività**,

(5) kemm l-attivitajiet jistgħu jiġġeneraw livell xieraq ta' sostenibbiltà,

(6) kemm ir-riżultati ta' l-attivitajiet proposti jistgħu jiġu komunikati u promossi b'mod xieraq — viżibilità.

## 7. Data ta' għeluq għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

1 ta' Ottubru 2007

## 8. Iktar informazzjoni

L-ispeċifikazzjonijiet relatati ma' din is-sejħa għall-proposti EACEA/21/07 huma parti integrali tas-sejħa għall-proposti. L-applikazzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet u għandhom jiġu sottomessi billi jintużaw il-formoli ta' l-applikazzjoni provduti għal dan il-għan.

L-*ispeċifikazzjonijiet*, il-*pakkett ta' l-applikazzjoni* u l-*formoli* kollha rilevanti huma disponibbli fuq is-sit ta' l-Internet ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura:

http://eacea.cec.eu.int/static.index.htm

---

([1]) Is-27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, iż-ŻEE, il-pajjiżi kandidati l-Kroazja, it-Turkija u l-FYROM soġġetti għall-konklużjoni ta' Memorandum ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fil-Programm Kultura ġdid fl-2007 u l-pajjiżi tal-Balkani fil-Punent (l-Albanija, l-Bożnija-Ħerżegovina, il-Montenegro u s-Serbja inkluż il-Kosovo (taħt ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti)), soġġetti għall-konklużjoni ta' Memorandum ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fil-Programm Kultura ġdid fl-2007.